SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

13 ta' Frar 2020*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Direttiva (UE) 2016/343 – Preżunzjoni tal-innoċenza u dritt li wieħed ikun preżenti fil-proċess tiegħu fil-kuntest ta' proċeduri kriminali – Artikolu 8(1) u (2) – Kundizzjoniijet meħtieġa minn leġiżlazzjoni nazzjonali sabex iseħħ proċess fil-kontumaċja – Assenza ta' dehra ta' persuni akkużati f'ċerti seduti minħabba raġunijiet kemm dipendenti, kemm indipendenti mir-rieda tagħhom – Dritt għal smigħ xieraq"

Fil-Kawża C-688/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-iSpetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata, il-Bulgarija), permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Ottubru 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Novembru 2018, fil-proċeduri kriminali kontra

TX,

UW,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn M. Safjan (Relatur), President tal-Awla, L. Bay Larsen u C. Toader, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes, P. Barros da Costa u L. Medeiros kif ukoll minn D. Pires, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn R. Troosters u Y. Marinova, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU 2016, L 65, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra TX u UW fir-rigward tal-parteċipazzjoni tagħhom fi grupp organizzat kriminali.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Skont il-premessi 9, 33 sa 37, 44 u 47 tad-Direttiva 2016/343:

"(9) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li ttejjeb id-dritt ta' proċess ġust fi proċedimenti kriminali billi tistabbilixxi regoli minimi komuni dwar ċerti aspetti tal-preżunzjoni ta' innoċenza u d-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess.

[…]

(33) Id-dritt għal proċess ġust huwa wieħed mill-prinċipji bażiċi f'soċjetà demokratika. Id-dritt ta' persuni suspettati u akkużati li jkunu preżenti waqt il-proċess huwa bbażat fuq dak id-dritt u għandu jiġi żgurat fl-Unjoni [Ewopea] kollha.

(34) Jekk, għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tagħhom, il-persuni suspettati jew akkużati ma jkunux f'pożizzjoni li jkunu preżenti waqt il-proċess, huma għandu jkollhom il-possibbiltà li jitolbu data ġdida għall-proċess fiż-żmien previst fil-liġi nazzjonali.

(35) Id-dritt tal-persuni suspettati u akkużati li jkunu preżenti waqt il-proċess mhuwiex assolut. Taħt ċerti kundizzjonijiet, il-persuni suspettati u akkużati għandhom ikunu jistgħu, espressament jew taċitament, iżda inekwivokabbilment, jirrinunzjaw għal dak id-dritt.

(36) F'ċerti ċirkostanzi għandu jkun possibbli li deċiżjoni dwar il-ħtija jew l-innoċenza ta' persuna suspettata jew akkużata tingħata minkejja l-assenza tal-persuna kkonċernata waqt il-proċess. Dan jista' jkun il-każ fejn il-persuna suspettata jew akkużata tkun ġiet infurmata, fi żmien debitu, dwar il-proċess u dwar il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' dehra u xorta, madankollu, ma tidhirx. Li persuna suspettata jew akkużata tkun ġiet infurmata dwar il-proċess għandu jinftiehem li jfisser li l-persuna tħarrket personalment jew, b'mezzi oħrajn, li dik il-persuna ngħatat informazzjoni uffiċjali dwar id-data u l-post tal-proċess b'mod li jippermetti lilu jew lilha li jsiru konxji mill-proċess. Li persuna suspettata jew akkużata tiġi infurmata dwar il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' dehra, għandu, b'mod partikolari, jiġi interpretat li jfisser li l-persuna ġiet infurmata li tista' tingħata deċiżjoni jekk hija ma tidhirx fil-proċess.

(37) Għandu jkun ukoll possibbli li jsir proċess li jista' jirriżulta f'deċiżjoni dwar ħtija jew innoċenza ukoll fl-assenza ta' persuna suspettata jew akkużata fejn dik il-persuna tkun ġiet infurmata bil-proċess u tkun tat mandat lil avukat li jkun inħatar minn dik il-persuna jew mill-Istat biex jirrappreżentaha waqt il-proċess u li rrappreżenta l-persuna suspettata jew akkużata.

[…]

(44) Il-prinċipju tal-effettività tal-liġi tal-Unjoni jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu rimedji xierqa u effettivi fil-każ li jkun hemm ksur ta' dritt mogħti lill-individwi bil-liġi tal-Unjoni. Rimedju effettiv disponibbli fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe wieħed mid-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva għandu, sa fejn hu possibbli, ikollu l-effett li jpoġġi lill-persuni suspettati jew akkużati fl-istess pożizzjoni li kienu jsibu ruħhom fiha li kieku ma kienx seħħ il-ksur, bil-ħsieb li jkunu protetti d-dritt ta' proċess ġust u d-drittijiet tad-difiża.

[…]

(47) Din id-Direttiva ssostni d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali li jinsabu fil-Karta u fil-KEDB, inklużi l-projbizzjoni tat-tortura u ta' trattament inuman jew degradanti, id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-integrità tal-persuna, id-drittijiet tat-tfal, l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà, id-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt għal proċess ġust, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-drittijiet tad-difiża. Għandu jiġu kkunsidrat, b'mod partikolari, l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li jgħid li l-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta, u li jgħid li d-drittijiet fundamentali, kif iggarantiti mill-KEDB u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, għandhom jikkostitwixxu prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni."

4 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "Suġġett", jistipula:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi komuni dwar:

a) ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza fi proċedimenti kriminali;

b) id-dritt li wieħed ikun preżenti fil-proċess fi proċedimenti kriminali."

5 L-Artikolu 8 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Id-dritt li persuna tkun preżenti waqt il-proċess", jipprevedi fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati jkollhom id-dritt li jkunu preżenti fil-proċess tagħhom.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li proċess li jista' jirriżulta f'deċiżjoni dwar il-ħtija jew l-innoċenza ta' persuna suspettata jew akkużata jista' jsir fl-assenza tiegħu jew tagħha, sakemm:

a) il-persuna suspettata jew akkużata tkun ġiet infurmata fi żmien debitu dwar il-proċess u dwar il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' dehra; jew

b) il-persuna suspettata jew akkużata, li tkun ġiet infurmata bil-proċess, hija rrappreżentata minn avukat, li ġie magħżul mill-persuna suspettata jew akkużata jew maħtur mill-Istat."

Id-dritt Bulgaru

6 L-Artikolu 55 tan-Nakazatelno-protsesualen kodeks (il-Kodiċi tal-Proċeduri Kriminali, iktar 'il quddiem in-"NPK") jiddisponi:

"Il-persuna akkużata tgawdi d-drittijiet li ġejin:

[…]

li tipparteċipa fil-proċeduri kriminali […]"

7 L-Artikolu 94(1) tan-NPK jipprevedi:

"Il-parteċipazzjoni ta' difensur fil-proċeduri kriminali hija obbligatorja meta:

[…]

8. il-kawża tiġi eżaminata fl-assenza tal-persuna akkużata;

[…]"

8 L-Artikolu 247b(1) tan-NPK jipprovdi:

"Fuq talba tal-Imħallef Relatur, kopja tal-att tal-akkuża għandha tiġi nnotifikata lill-imputat. Permezz tan-notifika tal-att tal-akkuża, l-imputat jiġi informat biż-żamma tas-smigħ preliminari u tal-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 248(1), tad-dritt tiegħu li jidher ma' difensur u dwar il-possibbiltà li huwa għandu li jaħtar difensur fil-każijiet previsti fl-Artikolu 94(1), kif ukoll bil-fatt li l-kawża tista' tiġi eżaminata u deċiża fl-assenza tiegħu, sa fejn il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 269 jiġu ssodisfatti."

9 L-Artikolu 269 tan-NPK huwa fformulat kif ġej:

"1) Fil-kawżi fejn l-imputat ikun ġie indagat minħabba reat kriminali serju, il-preżenza tiegħu waqt is-seduta hija obbligatorja.

2) Il-qorti tista' tordna li l-imputat jidher ukoll fil-każijiet fejn il-preżenza tiegħu ma hijiex meħtieġa meta din id-dehra tkun neċessarja sabiex tiġi stabbilita l-verità oġġettiva.

3) Sa fejn dan ma jostakolax l-istabbiliment tal-verità oġġettiva, il-kawża tista' tiġi deċiża fl-assenza tal-imputat, jekk:

[…]

3. huwa jkun ġie regolarment imħarrek sabiex jidher, ma jkunx ikkomunika raġunijiet validi li jiġġustifikaw in-nuqqas ta' dehra tiegħu u l-proċedura msemmija fl-Artikolu 247b(1) tkun ġiet osservata;

[…]"

10 L-Artikolu 423 tan-NPK jipprovdi:

"1) F'terminu ta' sitt xhur minn meta tieħu konjizzjoni tal-kundanna kriminali definittiva jew bit-trażmissjoni effettiva tagħha lir-Repubblika tal-Bulgarija minn pajjiż ieħor, il-persuna kkundannata fil-kontumaċja tista' titlob il-ftuħ mill-ġdid tal-proċess kriminali billi tinvoka l-assenza tagħha matul il-proċeduri kriminali. It-talba tintlaqa', ħlief, minn naħa, fil-każijiet fejn il-persuna kkundannata tkun ħarbet wara l-komunikazzjoni tal-kapijiet ta' akkuża, fil-kuntest tal-proċedura preliminari, bl-effett li l-proċedura skont l-Artikolu 247b(1) ma tkunx tista' tiġi eżegwita jew, min-naħa l-oħra, wara li din il-proċedura tkun ġiet eżegwita, il-persuna kkundannata ma tkunx dehret waqt is-seduta mingħajr raġuni valida.

2) It-talba ma tissospendix l-eżekuzzjoni tal-kundanna kriminali, ħlief jekk il-qorti tipprovdi mod ieħor.

3) Il-proċedura ta' ftuħ mill-ġdid tal-proċess kriminali tintemm jekk il-persuna kkundannata fil-kontumaċja ma tippreżentax ruħha fis-seduta mingħajr raġuni valida.

[…]”

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

11 L-iSpetsializirana prokuratura (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat, il-Bulgarija) beda proċeduri kriminali kontra tlettax-il individwu, akkużati li huma l-mexxejja u/jew il-membri ta’ grupp organizzat kriminali, li l-għan tiegħu kien li jitwettqu omiċidji, serq bi vjolenza u serq, kif ukoll li jwettqu reati oħra fil-kuntest ta’ dan il-grupp kriminali. Tnejn mill-persuni akkużati huma TX u UW, li huma akkużati li pparteċipaw fl-imsemmi grupp kriminali, f’reat kriminali punibbli b’piena ta’ bejn tliet u għaxar snin restrittiva tal-libertà.

12 TX u UW ġew informati bil-kundizzjonijiet li fihom il-proċess tagħhom jista’ jseħħ fl-assenza tagħhom, b’mod partikolari fil-każ ta’ nuqqas ta’ dehra mingħajr raġuni valida, u bil-fatt li, f’każ bħal dan, id-deċiżjoni finali fuq il-mertu tkun tista’ tiġi invokata kontrihom, mingħajr ma tkun tista’ tiġi kkontestata minħabba li ma ħadux sehem personalment fit-trattazzjoni.

13 Fil-kuntest tal-proċess ta’ TX u ta’ UW quddiem l-iSpetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata, il-Bulgarija), fl-ewwel lok inżammu seba’ seduti. Għal kull waħda minn dawn is-seduti, il-kawża ġiet iddifferita. Il-qorti tar-rinviju ma adottatx miżura istruttorja u ma wettqitx il-produzzjoni tal-provi minħabba l-assenza ta’ ċerti persuni akkużati, minħabba mard fid-data tal-imsemmija seduti. Din il-qorti vverifikat ir-realtà tar-raġuni ta’ dawn l-assenzi, iżda, minkejja d-dubji sinjifikattivi tagħha, ma setgħetx tikkontesta l-fondatezza tal-assenza ta’ dawn il-persuni akkużati.

14 Permezz ta’ atti tad-19 u tas-26 ta’ April 2017, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet dwar il-possibbiltà, fil-kawża prinċipali, li tinżamm seduta fl-assenza tal-imsemmija persuni akkużati.

15 F’dan ir-rigward, minn naħa, hija kkonstatat li l-preżenza tal-istess persuni akkużati ma kinitx neċessarja “sabiex tiġi stabbilita l-verità oġġettiva”, fis-sens tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, fir-rigward tar-reati allegati.

16 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-eżami tal-kawża prinċipali fl-assenza ta’ waħda mill-persuni akkużati, il-qorti tar-rinviju stabbilixxiet, abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-modalitajiet li ġejjin:

– il-preżenza obbligatorja tal-avukat tal-persuna kkonċernata u d-difiża effettiva ta’ din tal-aħħar minnu;

– li tintbagħat kopja tal-proċess verbal tas-seduta lill-persuna kkonċernata, b’tali mod li din tal-aħħar tkun tista’ tieħu konjizzjoni tal-miżuri istruttorji meħuda u tal-provi prodotti fl-assenza tagħha;

– il-possibbiltà, għall-persuna kkonċernata, li tesprimi x-xewqa li ssir produzzjoni ġdida ta’ dawn il-provi fil-preżenza tagħha;

– id-dritt, għall-persuna kkonċernata li ma dehritx minħabba raġuni indipendenti mir-rieda tagħha, li jiġu rrepetuti, fil-preżenza tagħha, l-atti mwettqa;

– id-dritt, għall-persuna kkonċernata li ma dehritx minħabba raġuni imputabbli lilha, li jiġu rrepetuti, fuq talba tagħha, l-atti mwettqa meta l-parteċipazzjoni personali tagħha fl-att konkret ta’ prodozzjoni tal-provi hija neċessarja għall-protezzjoni tal-interessi tagħha.

17 Matul it-tnax-il seduta organizzati wara l-atti tad-19 u tas-26 ta’ April 2017, uħud mill-persuni akkużati ma dehrux, għal raġunijiet differenti.

18 Għalhekk, TX ma deherx fis-seduta li nżammet fis-16 ta' Mejju 2018 għal raġuni indipendenti mir-rieda tiegħu, jiġifieri minħabba mard. Fir-rigward ta' UW, huwa ma xtaqx jidher f'din is-seduta. It-tnejn li huma ġew difiżi mill-avukati li huma kienu ħatru. Kopji tal-proċess verbal relatat mal-imsemmija seduta ġew trażmessi lil TX u lil UW, sabiex ikunu jistgħu jieħdu konjizzjoni dwar il-produzzjoni tal-provi li seħħet fl-assenza tagħhom.

19 TX u UW dehru fis-seduta segwenti, li nżammet fit-30 ta' Mejju 2018. Wara li kkonsultaw l-avukati tagħhom, huma ddikjaraw li kienu ħadu konjizzjoni tal-proċess verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2018 kif ukoll tal-elementi li kienu s-suġġett tal-produzzjoni tal-provi mwettqa fl-assenza tagħhom u li huma ma xtaqux jipparteċipaw fi produzzjoni tal-provi ġdida. L-atti mwettqa fl-assenza tagħhom ma ġewx repetuti.

20 TX ma deherx fis-seduta li nżammet fl-1 ta' Ottubru 2018, għal darba oħra minħabba mard. Huwa kien ġie rrappreżentat f'din is-seduta minn avukat. Fl-assenza ta' TX, il-qorti tar-rinviju pproċediet bil-produzzjoni ta' ċerti provi u b'mod partikolari semgħet lix-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni ċċitat mill-Uffiċċju tal-Prosekutur. Kopja tal-proċess verbal ta' din is-seduta ġiet ikkomunikata lil TX, sabiex ikun jista' jieħu konjizzjoni tal-produzzjoni tal-provi li seħħet fl-assenza tiegħu.

21 TX deher fis-seduta segwenti, li nżammet fis-17 ta' Ottubru 2018. Wara konsultazzjoni mal-avukat tiegħu, huwa ddikjara li kien ħa konjizzjoni tal-proċess verbal tas-seduta tal-1 ta' Ottubru 2018, bl-elementi li kienu s-suġġett ta' produzzjoni tal-provi fl-assenza tiegħu u li huwa xtaq jieħu sehem personalment fis-smigħ tax-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni. Il-qorti tar-rinviju laqgħet din it-talba u wettqet smigħ supplimentari ta' dan ix-xhud. TX kellu l-possibbiltà li jipparteċipa bis-sħiħ f'din is-seduta u li jagħmel id-domandi kollha li xtaq.

22 Fir-rigward ta' UW, il-qorti tar-rinviju tirrileva li, fid-dawl tal-implementazzjoni tal-proċedura fil-kontumaċja wara l-ftehim mogħti b'għarfien sħiħ tal-fatti mill-persuna akkużata, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprovdi l-informazzjoni ta' din il-persuna fir-rigward taż-żamma tal-proċess kriminali, il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' dehra tagħha kif ukoll il-parteċipazzjoni obbligatorja ta' avukat, garanziji msemmija fl-Artikolu 8(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2016/343.

23 L-imsemmija qorti tenfasizza li hija għandha dubji dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, b'mod partikolari fir-rigward tal-premessa 35 tad-Direttiva 2016/343, u li dawn id-dubji jirrigwardaw il-kundizzjonijiet li fihom ir-rinunzja milli wieħed ikun preżenti fil-proċess tista' sseħħ b'mod validu.

24 Fir-rigward ta' TX, li ma deherx f'ċerti seduti għal raġunijiet indipendenti mir-rieda tiegħu, jiġifieri minħabba mard, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li, fid-dawl tal-premessa 34 tad-Direttiva 2016/343, jista' jiġi kkonstatat ksur tad-dritt tiegħu li jkun preżenti fil-proċess kriminali, sa fejn l-assenza tiegħu kienet skużata. Hija tistaqsi jekk tali ksur seħħx effettivament, fid-dawl tal-atti li seħħew wara dawn is-seduti fuq talba ta' TX.

25 F'dan ir-rigward, fir-rigward tas-seduta li nżammet fis-16 ta' Mejju 2018, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk id-dikjarazzjoni ta' TX li tikkonsisti f'li ma jitlobx ir-repetizzjoni tal-atti mwettqa tikkostitwixxix rinunzja valida għad-dritt li wieħed ikun preżenti għall-proċess tiegħu u jekk il-possibbiltà li jirrinunzja għall-proċess tiegħu, prevista fil-premessa 35 tad-Direttiva 2016/343, tapplikax ukoll fir-rigward tal-atti proċedurali diġà mwettqa. Fir-rigward tas-seduta li nżammet fl-1 ta' Ottubru 2018, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk is-seduta addizzjonali, fil-preżenza ta' TX, tax-xhud tal-prosekuzzjoni ċċitat mill-Uffiċċju tal-Prosekutur tikkostitwixxix att suffiċjenti fir-rigward tal-premessa 44 tad-Direttiva 2016/343.

26 Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li l-avukati ta' TX u ta' UW kienu preżenti għas-seduti kollha li nżammew fil-kawża prinċipali.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-iSpetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejjin:

"Ikun hemm ksur tad-dritt tal-persuna akkużata li tkun preżenti waqt il-proċess fis-sens tal-Artikolu 8(1) u (2) tad-Direttiva 2016/343, moqri fid-dawl tal-premessi 35 u 44 tagħha, jekk waħda mis-seduti fil-proċedurali kriminali fil-kawża prinċipali tinżamm fl-assenza tal-persuna akkużata meta din tal-aħħar kienet innotifikata debitament bis-seduta, kienet informata debitament dwar il-konsegwenzi tal-assenza tagħha u kienet difiża minn avukat tal-għażla tagħha, f'sitwazzjoni fejn:

a) ma tkunx dehret għas-seduta minħabba raġuni li tiddependi minnha (b'mod partikolari, għaliex iddeċidiet li ma tkunx preżenti għal din is-seduta partikolari);

b) ma tkunx dehret għas-seduta minħabba raġuni li ma tiddependix minnha (b'mod partikolari, minħabba li kienet marida), jekk sussegwentement tkun ġiet informata dwar l-azzjonijiet meħuda fl-assenza tagħha u tkun ħadet id-deċiżjoni informata li permezz tagħha:

– iddikjarat li ma kinitx qiegħda tikkontesta l-legalità tagħhom fuq il-bażi tal-assenza tagħha u li ma tixtieqx li jerġgħu jitwettqu fil-preżenza tagħha;

– iddikjarat li tixtieq tipparteċipa fl-imsemmija azzjonijiet u l-qorti organizzat eżami addizzjonali tal-persuni indikati mill-persuna akkużata filwaqt li tatha kull opportunità tipparteċipa?"

Fuq id-domanda preliminari

28 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 8(1) u (2) tad-Direttiva 2016/343 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, fis-sitwazzjoni fejn il-persuna akkużata tkun ġiet informata, fi żmien xieraq, biż-żamma tal-proċess tagħha bħala konsegwenzi ta' nuqqas ta' dehra f'dan il-proċess u fejn din il-persuna tkun ġiet irrappreżentata minn avukat li hija tkun ħatret permezz ta' mandat, li d-dritt tagħha li tkun preżenti għall-proċess tagħha ma jinkisirx meta:

– hija ddeċidiet b'mod inekwivoku li ma tidhirx f'waħda mis-seduti miżmuma fil-kuntest tal-proċess tagħha jew

– hija ma dehritx għal waħda minn dawn is-seduti għal raġuni lil hinn mill-kontroll tagħha jekk, wara din is-seduta, hija kienet ġiet informata bl-atti mwettqa fl-assenza tagħha u li, b'għarfien sħiħ tal-fatti, hija ħadet deċiżjoni li permezz tagħha hija ddikjarat jew li ma kinitx ser tinvoka l-assenza tagħha sabiex tikkontesta l-legalità ta' dawn l-atti, jew li hija xtaqet tipparteċipa f'dawn l-atti, li jwassal lill-qorti nazzjonali adita sabiex tirrepeti l-imsemmija atti, b'mod partikolari billi tipproċedi għas-smigħ supplimentari ta' xhud, li fih il-persuna akkużata kellha l-possibbiltà li tipparteċipa b'mod sħiħ.

29 L-ewwel nett, hemm lok li jiġi rrilevat, hekk kif dan jirriżulta mill-Artikolu 1 u mill-premessa 9 tagħha, li l-għan tad-Direttiva 2016/343 huwa li tistabbilixxi regoli minimi komuni applikabbli għall-proċeduri kriminali dwar ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti għall-proċess tiegħu (sentenzi tad-19 ta' Settembru 2018, Milev, C-310/18 PPU, EU:C:2018:732, punt 45, kif ukoll tal-5 ta' Settembru 2019, AH *et*. (Preżunzjoni tal-innoċenza), C-377/18, EU:C:2019:670, punt 38).

30 Minbarra dan, għandu jitfakkar li din id-direttiva ma tistax tiġi interpretata, fir-rigward tan-natura minima tal-għan ta' armonizzazzjoni li hija tfittex, bħala li hija strument komplet u eżawrjenti (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-12 ta' Frar 2019, RH, C-8/19 PPU, EU:C:2019:110, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 8(1) tal-imsemmija direttiva jistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u l-persuni akkużati jkollhom id-dritt li jkunu preżenti waqt il-proċess tagħhom.

32 Il-premessa 35 tal-istess direttiva tippreċiża li d-dritt tal-persuna suspettata jew tal-persuna akkużata li tkun preżenti waqt il-proċess tagħha ma huwiex ta' natura assoluta u li, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-persuna suspettata jew il-persuna akkużata għandha tkun tista' tirrinunzja għalih espressament jew taċitament, iżda inekwivokabbilment.

33 Għalhekk, l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2016/343 jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li proċess li jista' jagħti lok għal deċiżjoni dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-persuna suspettata jew tal-persuna akkużata jista' jseħħ fl-assenza tagħha, sa fejn, skont il-punt (a) ta' din id-dispożizzjoni, il-persuna suspettata jew il-persuna akkużata tkun ġiet informata, fi żmien xieraq, biż-żamma tal-proċess u bil-konsegwenzi ta' nuqqas ta' dehra fil-proċess tagħha jew li, skont il-punt (b) ta' din id-dispożizzjoni, il-persuna suspettata jew il-persuna akkużata, li tkun ġiet informata biż-żamma tal-proċess, tkun irrappreżentata minn avukat b'mandat, li jkun inħatar jew mill-persuna susspettata jew mill-persuna akkużata, jew mill-Istat.

34 Barra minn hekk, il-premessa 47 tad-Direttiva 2016/343 tistabbilixxi li din tirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta u mill-KEDB, inkluż id-dritt għal smigħ xieraq, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-drittijiet tad-difiża.

35 Hekk kif jirriżulta mill-premessa 33 ta' din id-direttiva, id-dritt tal-persuni suspettati jew tal-persuni akkużati li jkunu preżenti fil-proċess tagħhom huwa bbażat fuq id-dritt għal smigħ xieraq, li huwa stabbilit fl-Artikolu 6 tal-KEDB, li miegħu jikkorrispondu, kif jippreċiżaw l-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17), it-tieni u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 47, kif ukoll l-Artikolu 48 tal-Karta.

36 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta li ż-żamma ta' seduta pubblika tikkostitwixxi prinċipju fundamentali stabbilit fl-Artikolu 6 tal-KEDB. Dan il-prinċipju għandu importanza partikolari fil-qasam kriminali, fejn għandu jkun hemm ġeneralment qorti tal-ewwel istanza li tissodisfa b'mod sħiħ ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6 tal-KEDB u fejn parti fil-kawża tista' leġittimament teżiġi "li tinstema'" kif ukoll li tibbenefika b'mod partikolari mill-possibbiltà li tesponi oralment l-eċċezzjonijiet tad-difiża tagħha, li tisma' d-depożizzjonijiet tal-prosekuzzjoni, li teżmina u tagħmel kontroeżami tax-xhieda (Qorti EDB, 23 ta' Novembru 2006, Jussila vs Il-Finlandja, CE:ECHR:2006:1123JUD007305301, punt 40, u Qorti EDB, 4 ta' Marzu 2008, Hüseyin Turan vs It-Turkija, CE:ECHR:2008:0304JUD001152902, punt 31).

37 Skont din il-ġurisprudenza, la l-kliem u lanqas l-ispirtu tal-Artikolu 6 tal-KEDB ma jipprekludu lil persuna milli tirrinunzja volontarjament għall-garanziji ta' smigħ xieraq espressament jew taċitament. Madankollu, ir-rinunzja għad-dritt li tieħu parti fis-seduta għandha tiġi stabbilita b'mod inekwivoku u tinkludi minimu ta' garanziji li jikkorrispondu mal-gravità tagħha. Barra minn hekk, hija ma għandha tmur kontra ebda interess pubbliku importanti (Qorti EDB, 1 ta' Marzu 2006, Sejdovic vs L-Italja, CE:ECHR:2006:0301JUD005658100, punt 86, kif ukoll Qorti EDB, 13 ta' Marzu 2018, Vilches Coronado *et* vs Spanja, CE:ECHR:2018:0313JUD005551714, punt 36).

38 Fil-kawża prinċipali, inbdew proċeduri kriminali kontra diversi persuni talli mexxew u/jew ipparteċipaw fi grupp organizzat kriminali. Fl-istadju inizjali tal-proċess tagħhom, il-persuni akkużati kienu ġew informati, abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, bil-kundizzjonijiet li fihom dan il-proċess, fil-każ ta' nuqqas ta' dehra mingħajr raġuni valida, jista' jseħħ minkejja l-assenza tagħhom. Barra minn hekk, l-avukati tal-persuni akkużati kienu preżenti fis-seduti kollha li nżammu fil-kuntest tal-proċess tagħhom.

39 Id-domanda preliminari tirrigwarda, fl-ewwel lok, is-sitwazzjoni li fiha persuna akkużata tirrinunzja deliberatament milli tidher għal waħda mis-seduti miżmuma fil-kuntest tal-proċess tagħha.

40 Fid-dawl tal-formulazzjoni stess tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2016/343, hemm lok li jiġi rrilevat li, f'kawża bħal dik fil-kawża prinċipali, kemm il-kundizzjonijiet previsti fil-punt (a) ta' din id-dispożizzjoni kif ukoll dawk imsemmija fil-punt (b) tagħha ġew osservati.

41 Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li r-rinunzja ta' UW għad-dritt tiegħu li jieħu sehem fis-seduta kienet tinkludi minimu ta' garanziji li jikkorrispondu mal-gravità tagħha u li din ir-rinunzja ma tidhirx li tmur kontra xi interess pubbliku importanti.

42 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2016/343 ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li d-dritt ta' persuna akkużata li tkun preżenti fil-proċess tagħha ma jinkisirx meta din tkun iddeċidiet, mingħajr ekwivoku, li ma tidhirx f'waħda mis-seduti miżmuma fil-kuntest tal-proċess tagħha, sakemm hija tkun ġiet informata biż-żamma ta' din is-seduta u kienet ġiet irrappreżentata, waqt l-imsemmija seduta, minn avukat maħtur.

43 Id-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tikkonċerna, fit-tieni lok, is-sitwazzjoni li fiha l-persuna akkużata ma setgħetx tidher f'seduti miżmuma fil-kuntest tal-proċess tagħha għal raġuni indipendenti mir-rieda tagħha, jiġifieri minħabba mard.

44 Skont il-premessa 34 tad-Direttiva 2016/343, jekk, għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tagħhom, il-persuni suspettati jew il-persuni akkużati ma jkunux f'pożizzjoni li jkunu preżenti fil-proċess tagħhom, huma għandhom ikollhom il-possibbiltà li dan iseħħ f'data oħra, fit-termini previsti fid-dritt nazzjonali.

45 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, dwar is-sitwazzjoni li fiha l-persuna akkużata, li ma setgħetx tidher, minħabba raġuni indipendenti mir-rieda tagħha, f'seduta li nżammet fil-kuntest tal-proċess tagħha u li ġiet informata bl-atti mwettqa fl-assenza tagħha waqt din is-seduta, iddikjarat li hija ma kinitx ser tinvoka l-imsemmija assenza sabiex tikkontesta l-legalità tal-atti mwettqa u li hija ma xtaqitx ir-repetizzjoni tagħhom fil-preżenza tagħha.

46 F'dan il-kuntest, għandu jiġi kkonstatat li tali pożizzjoni tista' titqies bħala li tikkostitwixxi rinunzja mingħajr ekwivoku għad-dritt li wieħed ikun preżenti fis-seduta kkonċernata.

47 Min-naħa l-oħra, il-qorti tar-rinviju tirreferi għas-sitwazzjoni li fiha l-persuna akkużata ddikjarat li hija xtaqet ir-repetizzjoni fil-preżenza tagħha tal-atti mwettqa meta hija kienet assenti, u dan wassal sabiex jiġi organizzat is-smigħ supplimentari ta' xhud, li fih il-persuna akkużata kellha l-possibbiltà li tipparteċipa b'mod sħiħ.

48 F'dan ir-rigward, persuna li kisbet ir-repetizzjoni, fil-preżenza tagħha, tal-atti mwettqa waqt is-seduti li hija ma setgħetx tidher fihom, ma tistax titqies li kienet assenti fil-proċess tagħha.

49 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, id-domanda magħmula għandha tiġi risposta li l-Artikolu 8(1) u (2) tad-Direttiva 2016/343 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, fis-sitwazzjoni fejn il-persuna akkużata tkun ġiet informata, fi żmien xieraq, biż-żamma tal-proċess tagħha bħala konsegwenzi ta' nuqqas ta' dehra f'dan il-proċess u fejn din il-persuna tkun ġiet irrappreżentata minn avukat b'mandat li hija tkun ħatret, li d-dritt tagħha li tkun preżenti fil-proċess tagħha ma jkunx miksur meta:

– hija ddeċidiet b'mod inekwivoku li ma tidhirx f'waħda mis-seduti miżmuma fil-kuntest tal-proċess tagħha jew

– hija ma dehritx għal waħda minn dawn is-seduti minħabba raġuni lil hinn mill-kontroll tagħha jekk, wara din is-seduta, hija ġiet informata bl-atti mwettqa fl-assenza tagħha u li, b'għarfien sħiħ tal-fatti, hija kienet ħadet deċiżjoni li permezz tagħha hija ddikjarat jew li ma kinitx ser tinvoka l-assenza tagħha sabiex tikkontesta l-legalità ta' dawn l-atti, jew li hija xtaqet tipparteċipa f'dawn l-atti, li wassal lill-qorti nazzjonali adita sabiex tirrepeti l-imsemmija atti, b'mod partikolari billi żammet smigħ supplimentari ta' xhud, li fih il-persuna akkużata kellha l-possibbiltà li tipparteċipa b'mod sħiħ.

Fuq l-ispejjeż

50 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 8(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, fis-sitwazzjoni fejn il-persuna akkużata tkun ġiet informata, fi żmien xieraq, biż-żamma tal-proċess tagħha bħala konsegwenzi ta' nuqqas ta' dehra f'dan il-proċess u fejn din il-persuna tkun ġiet irrappreżentata minn avukat b'mandat li hija tkun ħatret, li d-dritt tagħha li tkun preżenti fil-proċess tagħha ma jkunx miksur meta:

– **hija ddeċidiet b'mod inekwivoku li ma tidhirx f'waħda mis-seduti miżmuma fil-kuntest tal-proċess tagħha jew**

– **hija ma dehritx għal waħda minn dawn is-seduti minħabba raġuni lil hinn mill-kontroll tagħha jekk, wara din is-seduta, hija ġiet informata bl-atti mwettqa fl-assenza tagħha u li, b'għarfien sħiħ tal-fatti, hija kienet ħadet deċiżjoni li permezz tagħha hija ddikjarat jew li ma kinitx ser tinvoka l-assenza tagħha sabiex tikkontesta l-legalità ta' dawn l-atti, jew li hija xtaqet tipparteċipa f'dawn l-atti, li wassal lill-qorti nazzjonali adita sabiex tirrepeti l-imsemmija atti, b'mod partikolari billi żammet smigħ supplimentari ta' xhud, li fih il-persuna akkużata kellha l-possibbiltà li tipparteċipa b'mod sħiħ.**

Firem